15 ta' Marzu, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giuseppa Vassallo

## Klieb — Kontravvenzjoni ta' min iżomm Kelb bla Liċenza — Art. 15 tal-Kap. 63.

*Id-dispożizzjoni tal-liġi dwar min ikollu kelb bla liċenza tal-Pulizija tolqot lil kull min iżomm kelb bla dik il-liċenza. Imma hemm bżonn li jirriżulta illi l-kelb ikun fil-kustodja jew pussess ta' l-imputat, jew fid-dar jew fond ieħor tiegħu.*

*Jekk il-kelb, li kien ta' ħadd ieħor, u li telaq lil sidu jew ġie minn sidu mitluq, imur wara l-bieb ta' l-imputat, u dan, bħala att ta'*

*karità, jagħtih jiekol, u l-kelb, attratt mill-ikel, ikompli jmur wara dak il-bieb, imma ma jidħolx ġewwa, l-imputat ma jistax jiġi miżmum li kellu dak il-kelb fil-pussess jew kustodja tiegħu, u għalhekk li żamm dak il-kelb bla liċenza tal-Pulizija.*

*Lanqas ma jista' jiswa kontra l-imputat il-fatt li dan, wara li l-Pulizija wrietu li sejra tmexxi l-biċċa kontra tiegħu, jottjeni liċenza biex iżomm dak il-kelb.*

Fuq l-imputazzjoni illi żammet kelb bla liċenza, l-imsemmija Vassallo ġiet misjuba ħatja u kundannata għall-piena ta' l-ammenda ta' £1;

Vassallo appellat;

Wara li semgħet il-provi u l-argumenti, din il-Qorti ta' l-Appell ikkunsidrat;

Hu paċifiku illi, wara li l-Pulizija wrew li sejrin jieħdu passi kontra l-appellanti, din, per mezz tan-neputi tagħha x-xhud Sarè, ħadet il-liċenza għal dan il-kelb, u l-irċevuta saret f'isimha;

Però dak li għandu jiġi indagat hu jekk fiż-żmien qabel il-ħlas tal-liċenza — iż-żmien ċjoè li għalih tirriferixxi l-imputazzjoni — l-appellanti kienetx il-persuna responsabili skond il-liġi;

Issa l-art. 15 tal-Kap 63, li hu l-artikolu rilevanti għall-każ, jirrendi passibili tal-konsegwenzi tal-liġi "any person who keeps a dog..............." Fl-istess dispożizzjoni l-liġi tgħid x'għandha timporta l-kelma "keeps", in kwantokkè jingħad illi "every person in whose custody or possession, or in whose house or premises any such dog shall be found, shall be deemed to be the person who keeps such dog, unless the contrary is proved";

Mela hemm bżonn li jirriżulta illi l-kelb ikun fil-kustodja jew pussess ta' l-imputat, jew li jkun f'daru jew f'fond ieħor ta' l-imputat;

Issa fil-każ preżenti, l-imputata tikkontesta li hi kienet sid il-kelb f'dik l-epoka;

Mill-provi deher li dan il-kelb kien ikun wara l-bieb taddar ta' l-imputata. Mix-xhieda tagħha, però, konfermata minn dik tax-xhud Sarè, u mhux validament infiċjata minn provi kuntrarji, jidher illi dan il-kelb kien ta' ħadd ieħor, li telqu jew ġie mitluq mill-kelb, u meta l-kelb mar wara bieb

l-appellanti, din, bħala att ta' karità, tagħtu xi ikel. Il-kelb, attratt bl-ikel, u in segwitu affezzjonat għal min kien qiegħed jitimgħu, baqa' jmur wara l-ħieb ta' l-appellanti, u din kienet tagħtih jiekol. Gewwa d-dar tagħha ma jirriżul-tax li qatt kien. Lanqas jirriżulta li kien proprjament fil-kustodja jew pussess tagħha, għaliex k'en jiġi u jmur minn ħdejn il-bieb għall-ikel biss. Ma jidherx għalhekk li l-każ hu tali li jista' jaqa' taħt id-definizzjoni tal-liġi; għaliex di-versament w'eħed kien ikollu jaċċetta l-konklużjoni, ripun-janti għal kull sentiment zoofilu, illi min ikollu ħniena minn kelb bil-ġuħ, li jiġi wara biebu u jagħtih jiekol, jiġi msejjaħ taħt l-art'koiu fuq imsemmi, jekk il-kelb ikun bla midalja. Il-liġi tagħmel tajjeb li ma tieżax il-kelma "sid" fl-art. 15, imma tirriferixxi biss għal min iżomm il-kelb; u b'hekk jiġi ovvjat għall-abbuż ta' min iżomm kelb ġewwa daru, jew ikol-lu l-kustodja jew il-pussess tiegħu, u mbagħad ma jħallasx il-liċenza, billi jgħid li ma hux sidu. Imma anki ħalli tiġi sodisfatta din l-eżiġenza hekk l-imitata tal-liġi, hemm bżonn xi ċirkustanza jew ċirkustanzi oħra aktar qawwjia mill-fatt sempliċi ta' min jagħti jiekol lil kelb bil-ġuħ li jmur u jibqa' wara biebu;

Lanqas tista' tiġi deżunta konklużjoni sfavorevoli għall-appellanti miċ-ċirkustanza lli, wara, hi ħadet il-liċenza għal dan il-kelb bl-irċevuta b'ismha. Minn dak il-waqt 'il quddiem hija saret indubbjament sid il-kelb fis-sens tal-liġi, imma ebda argument ma jista' jittieħed kontra tagħha għaż-żmien ta' qabel; għaliex irriżulta mill-provi illi l-Pulizija, meta kienu qegħdin jistħarrġu l-każ, qalu lill-appellanti, f'ċertu waqt, illi jekk tħallaslu l-liċenza, lill-kelb tiffrankalu ħajtu;

L-appellanti bl-istess sentimenti tal-ħniena, u anki għa-liex sadattant kif jiġri fil-ħajja, saret hi stess affezzjonata għall-kelb, qabdet u ħallset il-liċenza. B'daqshekk il-kwistjo-ni ta' qabel baqgħet fejn kienet;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħas-sar is-sentenza appellata, tiddikjara l-appellanti mhux ħatja, u tordna li tiġi liberata.